MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## DOREEN CLARKE

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2015

Numru. 1325/2010

**Lawrence Saliba**

**Salvinu k/a Sammy Saliba**

**Lawrence Saliba**

**Kristian Saliba**

**Kumpilazzjoni Nru: 1325/2010**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmija:

**Lawrence Saliba** detentur tal-karta ta’ l-identita’ Maltija numru 600657(M);

**Salvinu k/a Sammy** detentur tal-karta ta’ l-identita’ Maltija numru 503370(M);

**Lawrence Saliba** detentur tal-karta ta’ l-identita’ Maltija numru 588658(M);

u

**Kristian Saliba** detentur tal-karta ta’ l-identita’ Maltija numru 313479(M).

Akkuzati talli:

1. Fl-04 ta’ Jannar, 2008 ghal habta tal-10:45am f’Wied iz-Ziju, M’Skala fil-kapacita’ taghhom ta’ diretturi tal-kumpanija Saliba Bros Limited, b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni, jew b’nuqqas ta’ hila fl’arti jew fil-professjoni taghhom jew b’nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti ikkagunaw l-mewt ta’ Jesmond Vella u dan ai termini tal-Art. 225 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. Akkuzati wkoll talli bhala diretturi tal-kumpanija Saliba Bros Limited f’Wied iz-Ziju, M’Skala fl-04 ta’ Jannar, 2008 u/jew fix-xhur/snin ta’ qabel naqsu milli jharsu s-Sahha u s-Sigurta’ ta’ l-impjegati, kif ukoll tal-persuni kollha li jistghu jigu affetwati bix-xoghol, li jkun qed isir u dan billi naqsu milli jiehdu l-passi necessarji kollha sabiex jigi evitat dannu fiziku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xoghol u dan ai termini ta’ l-artikoli 6 (1) (2) ta’ l-att 27/2000 Kap 424.

3. Akkuzati wkoll talli fl-04 ta’ Jannar, 2008 u/jew fix-xhur/snin ta’ qabel bhala persuni li jhaddmu, u ta’ kull persuna li tahdem ghal rasha, naqsu li jaghmlu, jew jizguraw li ssir, evalwazzjoni xierqa, sufficenti u sistematika

tal-periklu ghas-sahha u s-sigurta' kollha li jistghu jkunu prezenti fuq il-post tax-xoghol u r-riskji li jirrizultaw li jikkoncernaw l-aspetti kollha tal-attivita' tax-xoghol. Dawn l-evalwazzjonijiet ghandhom jikkunsidraw ir-riskji ghas-sahha u s-sigurta' tal-haddiema u tal-persuni li jahdmu ghal rashom li ghalihom ikunu esposti waqt ix-xoghol, inkluz dawk li jzuru l-post tax-xoghol, liema riskji jirrizultaw mix-xoghol imwettaq, jew in konnessjoni mieghu, jew mit-tmexxija tal-impriza u dan ai termini ta' l-artikolu 10(1) ta' l-A.L. 36/03.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali permezz ta' liema baghat lill-imputati biex jigu gudikatui minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub f'l-artikoli:

1. 225(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. 6(1), 6(2) u 38 tal-Kapitolu 424 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. 10 u 21(1) ta'l-Avviz Legali 36 tas-sena 2003; u
4. 17, 18, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz jitkompla quddiem din il-Qorti bi procedura sommarja.

Semmghet ix-xhieda u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunisdrat

Illi dan il-kaz jirrgwarda incident li sehh nhar l-4 ta' Jannar 2008 u li fih tilef hajjtu Jesmond Vella; l-incident sehh waqt li l-imsemmi Jesmond Vella kien qed jahdem fil-barriera gestieta mis-socjeta li taghha l-imputati huma jew kienu diretturi.

Illi jibda biex jinghad li l-imputati qed jigu addebietati bir-reati odjerni fil-kwalita taghhom ta' diretturi tas-socjeta Saliba Bros Limited f'isem liema socjeta jiggestixxu barriera f'Wied iz-Ziju Marsascala.

Illi dwar ir-rapprezentanza ta'l-imputati ta' din is-socjeta tressqet bhala xhud rapprezentant ta'l-MFSA[1]. Mid-depozizzjoni taghha jirrizulta li hija giet mitluba taghti informazzjoni dwar minn kienu d-diretturi f'l-4 ta' Jannar 2008. Ghal dan il-ghan hija prezentat Memorandum and Articles of Association tas-socjeta imsemmija datat 26 ta' Novembru 2007 u xi dokumenti prezentati lir-Rgistratur tal-Kumpaniji wara din id-data. Minn dawn id-dokumenti jirrizulta li mis-26 ta' Novembru 2007 sal-31 ta' Dicembru 2007 id-diretturi kienu l-erbgha imputati, u li mill-1 ta' Jannar 2008 (wara r-rizenja ta' Kristian Salba) id-diretturi kienu tlieta mill-imputati, u cioe Lawrence Saliba (600657M), Salvinu Saliba u Lawrence Saliba (588658M) u certu Vincent Saliba. Mid-depozizzjoni ta' Dr Claudette Fenech u mid-dokumenti minnha esebieti ma jirrizultax min kienu d-diretturi qabel s-26 ta' Novembru 2007. Dan premess mid-depozizzjoni ta'l-erbgha imputati ma jirrizultax kontestat, anzi huma ammess, li "*fix-xhur u s-snin ta' qabel l-4 ta' Jannar 2008*" [2] huma kienu diretturi tas-socjeta Saliba Bros Limited. Mid-depozizzjoni taghhom jirrizulta li l-aktar involuti fil-gestjoni tal-barriera kienu Lawrence Saliba u Lawrence Saliba; wiehed minnhom (Lawrence Saliba detentur tal-karta ta'identita numru 588658M) jidher li kien inkarigat mill-*operations* tal-barriera, fil-waqt li l-iehor (Lawrence Saliba detentur tal-karta ta'identita numru 600657M) kien inkarigat mill-amministrazzjoni[3]. Iz-zewg imputati l-ohra mhux involuti attivament fil-gestjoni tan-negozju u ma jkunux fuq il-lant tax-xoghol; l-involviment taghom jidher li huwa limitat ghal attendenza f' board meetings.

Illi mill-provi processwali u mill-access mizmum minn din il-Qorti jirrizulta li fil-barriera in ezami, wara t-tqattiegh tieghu, il-gebel jigi processat go crusher biex jigi prodott zrar (ta' daqsijiet differenti) u ramel. Ir-ramel u zrar li ma kienx

[1] Dr Claudette Fenech, depozizzjoni a fol 209.
[2] Peremzz tat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet l-imputati qed jigu addebietati b'reati li allegatament sehhew f'dan il-perjodu.
[3] Fi kliemu "l-ufficju".

jintuza immedjatament ghall-concrete fir-ready mix kien jigi stivat fil-qiegh tal-barriera f' munzelli kbar separati[4]. Dan l-istivar kien isir billi mill-crusher il-materjal jigi mghobbi f'trukk li jinstaq 'l isfel fil-barriera biex hemm il-materjal "jitwaddab" fil-munzelli li kienu gew kreati hemm.

Illi wiehed mill-impjegati ta' Saliba Bros Limited kien Jesmond Vella; huwa

kien ilu impjegat ma' din is-socjeta mit-8 ta' Jannar 2007[5] bhala labourer. Xogholu kien jinkludi sewqan tal-concrete mixer[6] kif ukoll xoghol fil-barriera[7] inkluz dak li jnizzel iz-zrar u r-ramel mill-crusher ghal parti t'isfel tal-barriera fil-muzelli li gew hemm kreati.

Illi dak in-nhar ta' l-incident jidher li Jesmond Vella kien qed jaghmel propju hekk u cioe jiehu ramel mill-crusher u "iwaddbu" fuq il-munzell ta' ramel li kien qed jifforma isfel fil-barriera. Impjegati ohra ta' Saliba Bros Limited li dak il-hin kienu fil-barriera u taw id-depozizzjoni taghhom hemm tnejn biss: Norbert Bajada u Salvatore Dalli[8].

Illi Bajada jghid li huwa impjegat mas-socjeta Saliba Bros Limited bhala mechanic u li l-ahhar li kien hadem fuq it-trukk, li kien qed jahdem bih Vella dak in-nhar ta' l-incident, kien f'Novembru / Dicembru ta' qabel meta kien issettjalu l-breaks[9]. Dwar l-incident fih innifsu Bajada kull ma jghid hu li f'xi hin sema' ghajjat biex tissejjah ambulanza, niezel isfel fil-barriera u ra it-trukk maqlub u lil Vella mkebbed taht l-isteering. Hu sejjah lil tal-gaffa biex jintrefa' it-trukk sabiex ikunu jistghu johorgu lil Vella[10] ghaliex deherlu li Vella kien ghadu haj dak il-hin.

[4] Gew kreati munzelli ghal kull tip ta' materjal prodott.
[5] Ref Dok JD5, l-employment history ta' Jesmond Vella, esebiet mir-rapprezentant ta'l-ETC a fol 206.
[6] Biex iwassal ir-ready mix ghand il-klienti.
[7] Il-kuntratt ta' impjieg ta' Jesmond Vella huwa esebiet in atti, Dok LS2 a fol 309.
[8] Huma taw id-depozizzjozni taghhom fil-kors ta' l-inkjesta mizmuma dwar dan l-incident.
[9] L-espert mekkaniku nominat mill-Magistrat Inkwirenti fil-fatt ikkonferma li ma kienx hemm diffetti fit-trukk lil setghu ikkontribwew ghall-incident.
[10] Kellhom jaghmlu hekk ghaliex il-kabina kienet mghaffga.

Illi Salvatore Dalli jghid li hu kien isfel bil-gaffa, ra it-trukk maqlub, mar jigri hdejh u ra lil Vella maqbud fil-kabina ghalhekk gab il-gaffa biex jerfa' it-trukk sabiex ikunu jistghu johorgu lil Vella minn gol-gabina.

Illi dwar l-incident u d-dinamika tieghu hadd mill-imputati ma jaf xejn, lanqas iz-zewg Lawrence Saliba. Kif mistenni Salvinu Saliba u Kristian Saliba ma kienux il-barriera. Lawrence Saliba li huwa nkarigat mill-operations tal-barriera kien qieghed xoghol fuq barra meta sehh l-incident u meta wasal il-barriera sab it-trukk maqlub ma'l-art u lil Jesmond Vella ma' l-art hdejn it-trukk[11]. Saliba tela' fuq il-munzell minn fejn inqaleb it-trukk u ra t-tkaxkir tat-tyres; hu nnota ukoll li bieba tal-kaxxa tat-trukk kienet maghluqa[12].

Illi Lawrence Saliba l-iehor kien qieghed fuq f'l-ufficju meta sehh l-incident u ghalkemm gie infurmat huwa baqa hemm biex jistenna l-ambulanza u n-nies l-ohra li kienu ser jigu bhal pulizija u esperti tal-Qorti. Dan Lawrence Saliba jghid ukoll fid-depozizzjoni tieghu li dak in-nhar meta Jesmond Vella dahal xoghol talbu biex jitlaq qabel il-hin minhabba xi impenn personali; peress li f'dawk il-granet ix-xoghol kien jippermetti Saliba ma sab l-ebda oggezzjoni li Vella jitlaq ftit qabel. Jirrizulta ukoll li ma giex stabbilit kemm kellu jitlaq qabel Vella, li thalla fil-liberta jitlaq x'hin irid.

Illi z-zewg xhieda Lawrence Saliba jispjegaw li l-mod kif ghandu jsir id-dumping[13] huwa billi it-trukk itella il-materjal (ramel jew zrar) fuq il-munzell minn dik in-naha li tkun kompatta, is-sewwieq jiftah il-bieba tal-kaxxa u jgholli l-kaxxa biex johrog il-materjal. Meta jinhatt it-trukk il-persuna koncernata tnehhi t-trukk, iggib gaffa biex bil-gaffa timbotta l-materjal 'l isfel[14].

Illi ghalkemm mix-xhieda prodotti hadd ma ra l-incident, mill-provi migbura waqt l-inkjesta u mill-kostatazzjonijiet ta'l-esperti nominati jirrizulta

[11] Sa dak il-hin kienu lahqu harguh.
[12] Fatt li jista jigi konstata anke mir-ritratti mehuda mill-esperti nominat PS36 Sergio Azzopardi b'mod partikolari r-ritratti numri 111 u 123 li juru l-musmar tal-bieba ghadu f'postu.
[13] Ix-xoghol li kien qed jaghmel dak il-hin Vella huma jiddefenuh bhala dumping.
[14] Dan il-process huwa spjegat grafikament fid-dokument LS1 a fol 279.

ampjament li fil-mument ta' l-incident Jesmond Vella ma kienx qed isegwi l-procedura ta' dumping kif deskritta miz-zewg xhieda Lawrence Saliba. Jidher car li fil-mument li sehh l-incident Vella kien qed jirriversja t-trukk u baqa sejjer pjuttost lejn tarf tal-munzell, ceda l-materjal u ghalhekk it-trukk inqaleb u waqa' ghal isfel. Jirrizulta ukoll li f'tarf dan il-munzell ma kien hemm l-ebda stopper, guard rail jew xi forma ohra ta' marka oltre liema t-trukkijiet ma kellhomx jibqghu isuqu lura.

Illi ghal kull buon fini ghandu jigi rilevat li l-imputat Lawrence Saliba (detentur ta' karta ta' identita 588658M u li huwa inkarigat mill-operations fil-barriera) ta d-depozizzjoni tieghu ukoll fil-kors ta'inkjesta mizmuma dwar l-incident[15]. Huwa pero ma giex infurmat bid-drittijiet tieghu u lanqas ma nghata d-dritt tas-silenzju. Din id-depozizzjoni ghalhekk mhies prova ammissibbli u ma tista' tinghata l-ebda piz probatorju.

Illi l-OHSA ghamlet investigazzjoni hi ukoll; l-ufficjali li mexxew din l-investigazzjoni kienu David Saliba u Charles Micallef. Fil-kors ta' din l-investigazzjoni Micallef kellem lill-istess Lawrence Saliba[16]; anke f'dan il-kaz Saliba ma nghata l-ebda twissija jew dritt li ma jirrispondiex mistoqsijiet li kienu qed isirulu. Konsegwentement dak li Lawrence Saliba qal lil Charles Micallef ma jistax jintuza bhala prova fil-proceduri odjerni.

Illi l-imsemmija David Saliba u Charles Micallef xehdu ukoll f'dawn il-proceduri. Dwar l-incident innifsu huma jafu dak li rrizulta waqt l-investigazzjoni mexxija minnhom[17]. Jidher li huma waslu ghall-istess konluzzjoni dwar x'wassal biex it-trukk li kien qed isuq Jesmond Vella inqaleb u waqa' ghal'isfel.

Illi l-provi prodotti quddiem din il-Qorti ma jirrigwardawx biss l-incident li fih Jesmond Vella tilef hajtu (cioe l-ewwel imputazzjoni) imma jikkoncernaw ukoll

[15] Ref id-depozizzjoni a fol 93 tal-process.
[16] Detentur taa' karta ta' identita b'numru 588658M.
[17] Investigazzjoni mxeijja separatament mill-inkjesta mizmuma mill-Magistrat Inkwirenti.

il-imizuri li l-imputati hadu jew ma hadux dwar is-sahha u sigurta fuq il-post tax-xoghol gestiet mis-socjeta minnhom rapprezentata.

Illi Charles Micallef u David Saliba jikkontendu li s-socjeta Saliba Bros Limitd qatt m'ghamelt risk assessment u li d-dokument (datat 9 ta' Novembru 2004) li gie prezentat lilhom mill-imputat Lawrence Saliba mhux risk assessment imma safety audit[18]. Il-persuna li rredigiet dan ir-rapport f'isem is-socjeta MSB Valletta Limited, Clint Cachia, tressqet bhala xhud. Fi kliemu huma gew imqabda biex "*naghmlu audit tas-site, ... kien exercise biex naraw x'hemm u x'hemmx nieqes rigward health and safety u naghtu l-feedback taghna lill-klient*"

Illi mid-depozizzjoni ta'l-erbgha imputati jidher li fis-sena 2004[19] hassew il-htiega li jinkarigaw lil xi hadd biex[20] "*issir review ta'l-operations biex naraw kif qed nimxu bhala processes .... konna qabbabna lil MSB Valletta Limited ... giet u iddokumentat il-process kollu ta kif isisr ix-xoghol kollu gol-barriera u harget bir-recommendations taghha*". L-imputati jghidu li r-rakkomandazzjonijiet kollha elenkati f'eventwali rapport gew implimentati. F'dan l-istadju ghandu jigi rilevat li dan ir-rapport huwa maqsum f'diversi taqsimiet u ghal kull taqsima, jiddeskrivi l-istat attwali (ghad-data li fiha sar ir-rapport) u, jekk hemm lok ghalihom, jelenka rakkomandazzjonijiet ghal tibdil. Ta' min wiehed jirrileva li kien hemm diversi rakkomandazzjonijiet maghmula f'dan id-dokument pero l-ebda wahda minnhom ma kienet tirrgwarda l-process ta' dumping tal-materjali (cioe ix-xoghol li kien qed jaghmel Jesmond Vella fil-mument li sehh l-incident).

Illi mill-provi prodotti mill-imputati jirrizulta li fis-sena 2007[21] kienet saret spezzjoni minn ufficjali ta'l-OHSA fil-barriera ta'l-imputati; jidher li din l-ispezzjoni kienet saret fuq talba tal-MEPA fil-kors ta'l-ipprocessar ta' konsultazzjoni ghal xi zvilupp. Mid-depozizzjoni ta' Silvio Farrugia jirrizulta li

[18] Id-dokument huwa esebiet bhala Dok CM2 a fol 176 tal-process.
[19] Anke minhabba l-ishubija ta' Malta f'Unjoni Ewropea
[20] Fi kliem l-imputat Kristian Saliba.
[21] Precizament fil-25 ta' Jannar.

spezzjonijiet mill-ufficjali tal-MEPA isiru diversi, sia bhala rutina u sia fuq prompt ta' terzi; irrispettivament minn jekk l-ispezzjoni issirx bhala rutina jew fuq prompt, il-kors ta' l-ispezzjoni dejjem tkun l-istess cioe jekk il-post fejn issir l-ispezzjoni hux konformi mar-regolamenti dwar sahha u sigurta fuq il-post tax-xoghol. Minn din l-istess depozizzjoni jirrizulta ukoll li meta ssir spezzjoni fuq prompt, u b'mod partikolari fuq prompt tal-MEPA bhal fil-kaz in ezami, l-ufficjal li jghamel l-ispezzjoni jnizzel il-findings tieghu f'rapport intern lil jigi diskuss mas-superjuri tieghu biex mbaghad jigi redatt rapport finali li jintbaghat lill-MEPA.

Illi in atti hemm esebiet kopja tar-rapport intern li juri l-findings ta'l-ispezzjoni li nzammet, apparentment fuq prompt tal-MEPA, fil-25 ta' Jannar 2007. F'dan ir-rapport intern m'hemm l-ebda notament dwar xi perikoli fil-work practices adoperati fil-barriera; f'l-istess dokument hemm indikat li risk asessment kien sar pero ma kienx disponibbli (*RA carried out by eng Anton Cutajar but not in hand*). Fid-dokumenti hemm xi kummenti dwar xi aspetti ohra li fil-fehma ta' minn irredigih setghu jitjiebu. Ix-xhud Silvio Farrugia insista li minn jaghmel l-ispezzjoni mhux necessarjament jelenka, fir-rapport inizjali, dak kollu li jkun ikkonstata waqt l-ispezzjoni ghaliex dak jigi inkluz fir-rapport finali wara li l-ispezzjoni tigi diskussa mas-supervisor tieghu. Farrugia wasal biex qal ukoll pero li jekk waqt l-ispezzjoni l-ufficjal tal-OHSA jara work practices li jkunu ta'perikolu huwa jew inizzel notament fir-rapport inizjali jew jekk ma' jaghmilx hekk jiddiskuti dak li jkun ra mas-supervisior tieghu u jekk ikun il-kaz tittiehed azzjoni.

Ikkunisdrat

Illi permezz ta' l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra taghhom l-imputati qed jigu addebietati bir-reat prospettat f'l-artikolu 225 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet, cioe l-omicidju involontarju ta' Jesmond Vella.

Illi jibda biex jinghad li l-incident sehh nhar l-4 ta' Jannar 2008; dak in-nhar l-imputat Kristian Saliba ma kien jokkupa l-ebda kariga fis-socjeta Saliba Bros Limited. Konsegwentement huwa ma jista jkollu l-ebda responsabbilta ghall-incident in ezami; il-kunisderazzjonijiet tal-Qorti dwar din l-ewwel imputazzjoni ghalhekk jikkoncernaw lit-tlett imputati l-ohra[22].

Illi biex jirrizulta d-delitt ta' omicidju involontarju hemm bzonn

*li tirrikorri kondotta volontarja negligenti konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb (imprudenza), negligenza, traskuragni, jew ta' hila (imperizja) f'l-arti jew professjoni, jew konsistenti specifikatament fin-nuqqas ta' osservanza tal-Ligijiet, regolamenti u ordnijiet li tkun segwieta b' ness ta' kawzalita minn akkadut dannuz involontarju. Ghall-accertament tal-htija minhabba f'kondotta negligenti, ghandu jsir il-konfront tal-kondotta effettivament adoperata ma' dik ta' persuna li s-sapjenza rumana identifikat mal-"bonus pater familias"; dik il-kondotta, cioe', illi fil-kaz konkret kienet tigi wzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita' normali; kriterju dan li fil-waqt li jservi ta' gwida oggettiva ghall-gudikant, ihallieh fl-istess hin liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz konkret[23].*

Illi dan il-principju huwa ben stabbilit fil-gurisprudenza taghna. Il-Qorti ta'l-Appell Kriminali f'sentenza aktar recenti minn dik hawn fuq kwotata, wara li ghamlet referenza ghall-bran hawn fuq riprodott esprimiet ruhha hekk:

*Kif jispjega l-gurista taljan Francesco Antolisei, biex wiehed jifhem l-essenza vera tal-kolpa wiehed irid izomm f'mohhu li fil-hajja socjali spiss jinholqu sitwazzjonijiet li fihom attivita' diretta ghal xi fini partikolari tista' taghti lok ghal konsegwenzi dannuzi lil terzi. L-*

[22] Kull referenza ghall-imputati f'din il-parti tal-motivazzjoni dwar l-ewwel imputazzjoni ghalhekk qed tirreferi ghal dawn it-tlett imputati.
[23] Ref Pulizija vs Louis Portelli Appell Kriminali deciza 04.02.1961.

*esperjenza komuni jew l-esperjenza teknika -- cioe' l-esperjenza komuni ghall-bnedmin kollha jew dik l-esperjenza ta' kategorija ta' nies li jesplikaw attivita' partikolari -- tghallem li f'dawn il-kazijiet wiehed ghandu juza certi prekawzjonijiet bil-ghan li jevita li l-interessi ta' l-ohrajn jigu pregudikati.*

*"Sorgono per tal modo," ikompli dan l-awtur, "delle regole di condotta. Spesso si tratta di semplici usi socjali, come, per es., quello per cui il possessore di un'arma da fuoco e' tenuto a scaricarla, quando la depone in un luogo frequentato. Non poche volte interviene lo Stato od altra autorita', pubblica o privata, a fissare queste regole, disciplinando determinate attivita', piu' o meno pericolose, in modo da prevenire, per quanto e' possibile, conseguenze nocive per i terzi....Il reato colposo nasce sempre e soltanto dall'inosservanza di talune delle norme indicate. L'infrazione giustifica nei confronti dell'agente un rimprovero di leggerezza. Il giudice dice all'imputato: tu non sei stato cauto e diligente come avresti dovuto. Il rimprovero, cosi' formulato, e' la conseguenza caratteristica del reato colposo, perche' nel reato doloso il giudice rimprovera al reo di aver voluto il fatto proibito, mentre nel fatto incolpevole (il c.d. caso fortuito) nessun biasimo puo' muoversi all'agente. Riteniamo, pertanto, che l'essenza della colpa debba ravvisarsi nella inosservanza di norme sancite dagli usi o espressamente prescritte dalle autorita' allo scopo di prevenire eventi dannosi (Antolisei, F., Manuale di Diritto Penale, Parte Generale, Giuf-fre' (Milano), 1989, pp. 322- 323).*

*Din il-Qorti taqbel perfettament ma din l-esposizjoni. In fatti, l-artikolu 225 tal-Kodici Kriminali taghna jirreferi ghar-regoli ta' kondotta derivati mill-esperjenza komuni jew teknika bil-kliem "nuqqas ta' hsieb", "traskuragni", u "nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni", fil-waqt li dawk ir-regoli ta' kondotta statutorjament stabbiliti huma indikati bil-kliem "nuqqas ta' tharis ta' regolamenti". Hu appena necessarju jinghad li b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti il-legislatur*

*mhux qed jirreferi biss ghal legislazzjoni sussidjarja (li tigi fis-sehh permezz ta' avvizi legali, notifikazzjonijiet tal-Gvern, ordnijiet etc.) izda ghal kull forma ta' kondotta statutorjament stabbilita, u ghalhekk qed jirreferi ukoll ghal dawk ir-regolamenti promulgati minn enti privati (per ez., ir-regolamenti infassra minn sid ta' fabbrika biex jipprevjeni hsara ghal kull minn jahdem jew jidhol f'dik il-fabbrika). In fatti, kemm fil-Codice Zanardelli kif ukoll fil-Codice Rocco, l-espressjoni uzata hi "inosservanza di leggi, regolamenti, ordini o discipline". Il-Qorti tikkonkludi fuq dan il-punt billi tissottolinea li anke fil-kaz ta' nuqqas ta' tharis ta' regolamenti l-essenza tal-kolpa hi l-istess bhal fil-kaz ta' nuqqas ta' hsieb, traskuragni jew imperizja. In-nuqqas ta' osservanza ta' regoli stabbiliti minn xi awtorita' ghat-tharis ta' terzi tammonta ghal negligenza jew imprudenza, il-ghaliex huwa certament imprudenti jew negligenti mhux biss min jitraskura li jiehu dawk il-prekawzjonijiet indikati mill-esperjenza ordinarja tal-hajja, izda wkoll min jitraskura li josserva dawk il-prekawzjonijiet specifikatament preskritti minn xi awtorita'.*

*…. Jekk l-prudenza tikkonsisti filli persuna taghmel dak li hu ragonevolment mistenni minnha sabiex tipprevjeni l-konsegwenzi dannuzi ta’ ghemilha, l-imprudenza, li hi negazzjoni ta’ din il-virtu, tikkonsisti filli wiehed jaghmel avventatament dawk l-affarijiet li messu preveda li setghu jikkagunaw hsara. It-traskuragni, mill-banda l-ohra, timplika certu non-kuranza, certu abbandun kemm intellettiv kif ukoll materjali. Fiz-zewg kazijiet pero, il-hsara tkun prevedibbli ghalkemm mhux prevista; kieku kienet ukoll prevista wiehed ikun qieghed fil-kamp doluz b’applikazzjoni tad-dottrina ta’l-intenzjoni pozittiva indiretta.*[24]

[24] Ref Pulizija vs Richard Grech deciza 21.03.1996.

Illi f'sentenza ohra taghha[25], il-Qorti ta'l-Appell Kriminali regghet ghamlet ezami approfondiet tad-dottrina u gurisprudenza in tema u wara li rriaffermat dak li qalet il-Qorti fis-sentenza Il-Pulizija vs Louis Portelli[26] kompliet hekk:

*Dan ifisser li fil-materja tal-kolpuz, hemm necessarjament l-element ta' attivita' dirett ghal xi fini partikolari li minhabba nuqqas ta' certu prekawzjonijiet jistghu jigu lezi jew danneggjati jew ippregudikati l-interessi ta' terzi. ...*

*Hemm diversi forom ta' kondotta kolpuza derivanti minn atti ta' negligenza, imprudenza, imperizja u non-osservanza ta' ligijiet, regolament, ordnijiet u simili: L-imprudenza tigi mill-agir ta' xi hadd minghajr ma jiehu l-opportuni kawteli. In-negligenza tigi mid-disattenzjoni u disakkortezza ta' l-agent fil-kondotta tieghu. L-imperizja hija l-forma specifika tal-kulpa professjonali, cioe, kif jghid il-Manzini: "inettitudine e insufficienza professionale generale e specifica, nota all'agente, di cui egli vuole non tener conto."*

*Il-kulpa tista' tkun dovuta ukoll ghal non osservanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, bhal ma huma l-assjem ta'regoli predisposti mill-awtorita' pubblika dwar xi attivita' determinata u specifika bl-iskop li jigi evitat il-possibilita' ta'hsara u dannu lil terzi, cioe', dawk li jkollhom l-element tal-prevenzjoni, ....*

*Taht dawn il-forom ta' kondotta kolpuza sia minhabba imprudenza, negligenza, u imperizja, sia minhabba nuqqas ta'osservanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, hemm differenza essenzjali, dik tal-prevedibilita'. Il-prevedibilita' tibqa essenzjali taht kull forma ta'kulpa, izda fi gradi differenti. Hi tibqa dejjem il-nota saljenti f'kull forma ta'*

[25] Il-Pulizija vs Saverina sive Rini Borg d eciza 31.07.1998.
[26] Op cit

*kondotta kolpuza, izda ghandha gradi differenti f'kull kaz ta'imprudenza, negligenza u imperizja, mentre hija prezunta fil-forma l-ohra fejn si tratta ta'reati minhabba non-osservanza ta' ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili. F'dawn il-kazijiet mhux possibbli jew ammess lill-agent li jressaq prova ghal kuntrarju. Hija hawnhekk prezunzjoni assoluta. Ma jistghax l-agent jghid li dak l-event dannuz li gara minhabba in-nuqqas ta'osservanza da parti tieghu ta' xi regolament ma kienx wiehed prevedibbli ghalih. Kif jghidu diversi awturi, dan hu kaz fejn dan l-element tal-prevedibilita' tal-legislatur qed jissosstitwixxi dik ta' l-agent. Hu precizament ghalhekk li kondotta kolpuza hija definita bhala kondotta voluntarja li tikkaguna event dannuz, mhux volut, izda prevedibbli, li seta' jigi evitat b'l-uzu ta'attenzjoni jew prudenza fi grad ta'persuna normali.*

Illi f'din l-istess sentenza il-Qorti qalet ukoll li:

*Hu risaput li dan l-element tal-prevedibilita, fil-kaz tal-kolpuz fil-kamp penali hu, kif jesprimi ruhu l-Archbold "a reckless disregard for the safety of others' u hu propju dan li jgib in-negligenza kriminali.*

Illi fil-kaz in ezami m'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li x-xoghol li kien qed assenjat lil Jesmond Vella meta sehh l-incident kien jikkomporta certi perikoli; lanqas ghandu jkun hemm dubbju li dan il-perikolu huwa wiehed prevedibbli. Aktar minn hekk jirrizulta li l-imputati kienu konspaevoli ta' dan il-perikolu. Huma fil-fatt jghidu li hadu mizuri biex jigi minimizzat dan il-periklu billi holqu il-work practice fuq deskritt, cioe li l-materjal jitwassal bit-trukk sa certu punt u minn hemm titwaddad 'l isfel permezz tal-gaffa. Skond l-impuatati din il-prattika ghandha diversi vantaggi fosthom il-fatt li s-sewwieq ikun qed ihares 'l quddiem u ghalhekk jaf fejn qieghed tarf il-munzell; aktar minn hekk s-sewwieq m'ghandux ghalfejn jibqa' sejjer sa tarf il-munzell biex iwaddab il-materjal 'l isfel imma zgur jista' jzomm distanza ta' almenu zewg metri u nofs (it-tul tal-arm tal-gaffa) mit-tarf. L-imputati jghidu ukoll li tenut kont tan-

natura tax-xoghol in kwistjoni din kienet l-unika mizura li setghet tittiehed u kwalunkwe mizura ohra, anke dawk imsemmija mill-prosekuzzjoni waqt il-kawza, mhux talli ma kienux indikati imma kienu addiritura aktar perikoluzi. Gie sottomess li l-aqwa certifikat li kellhom l-imputati dwar din il-work practice minnhom addottata kien il-fatt li tul is-snin kollha li ilhom joperaw il-barriera dan kien l-uniku incident ta' certu gravita, u dan sehh ghaliex il-vittma Jesmond Vella ma kienx qed isegwi l-prattika li huma kienu jinsistu fuqha.

Illi l-prosekuzzjoni pero donna qed tallega li l-metodu adoperat minn Vella kien il-metodu normalment adoperat fil-barriera, dan il-metodu huwa wiehed mill-aktar perikoluz, li l-perikolu huwa wiehed prevedibbli u li konsegwentment l-imputati ghandhom jinzammu responsabbli ghall-mewt ta' Vella.

Illi kif diga ntqal jirrizulta ampjament li l-incident sehh ghaliex Vella saq it-trukk vicin hafna tat-tarf il-munzell li kien qieghed fuqu, ceda il-materjal, bil-konsegwenza li t-trukk inqaleb u waqa' ghal' isfel. Pero ma ngiebet l-ebda prova li l-metodu adoperat minn Vella kien il-metodu normalment adoperat fil-barriera u volut mill-imputati. L-unika zewg impjegati ohra ta' Saliba Bros Limited li ddeponew ma gew mistoqsija xejn dwar kif kien isir ix-xoghol u huma ma taw l-ebda informazzjoni f'dan ir-rigward.

Illi min-naha l-ohra hemm d-depozizzjoni ta' l-imputati. Iz-zewg imputati Lawrence Saliba qalu li x-xoghol suppost kellu jsir bil-metodu minnhom spjegat. L-imputati ma producewx xhieda ohra biex jikkonfermaw li l-process ta' dumping kellu jsir bil-mod deskritt minnhom, pero in atti hemm provi ohra li jikkorroboraw l-asserzjoni ta'l-imputati li huma kienu qed jadoperaw l-ahjar sistema fic-cirkostanzi.

Illi hemm ir-rapport ta’ MSB Valletta[27]; il-persuna inkarigata biex tirredigi dan ir-rapport tghid li dan kien intiez biex *naraw x’hemm u x’hemmx nieqes rigward health and safety u naghtu l-feedback taghna lill-klient*”. Fir-rapport m’hemm indikazzjoni li kien hemm xi haga hazina fil-work practices addottati mill-imputati ghal dak li jikkoncerna l-process ta’ dumping.

Illi dwar ir-rapport li sar mil-ufficjal tal-MEPA wara spezzjoni fis-sena 2007 hemm diversi osservazzjonijiet x’isiru. Anke jekk il-Qorti kellha taccetta dak li qal ix-xhud Silvio Farrugia li meta issir spezzjoni mill-ufficjali ta’l-OHSA fir-rapport inzijali, u li fih ikun hemm il-findings ta’l-ispezzjoni, ma jitnizzlux il-kostatazzjonijiet kollha li jkunu saru fuq il-post, il-Qorti difficilment taccetta li prattika perikoluza ghall-hajja tal-haddiema tithalla barra mir-rapport, anke jekk rapport inizjali. Pero anke jekk hija verament prassi ta’l-OHSA li kostatazzjonijiet dwar perikoli reali ghas-sahha tal-haddiema ma jitnizzlux fir-rapport inizzjali, wiehed jippretendi li jekk jigu konstatati dawn il-perikoli l-OHSA ghandha tiehu l-passi fil-konfront ta’ min qed jadopera prattici perikoluzi; ma jidhirx li l-OHSA qatt hadet passi fil-konfront tas-socjeta Saliba Bros Limited.

Illi tenut kont ta’ dan, tenut kont tal-fatt li l-imputati jridu jippruvaw dak minnhom allegat sal-grad tal-probabbli a differenza tal-prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha ‘l hemm minn kull dubbju dettat mir-raguni, il-Qorti hija sodisfatta li tista’ taghti kredibilita lill-imputati fil-verzjoni taghhom.

Illi in vista ta’ dan u ta’ x’wassal biex inqaleb it-trukk li kien qed isuq Vella, u dan fid-dawl tal-gurisprudenza fuq kwotata, il-Qorti hija tal-fehma li l-incident ma sehhx minhabba *kondotta volontarja negligenti* da parti ta’ l-imputati li ghalhekk m’ghandhomx jinstabu hatja ta’ din l-ewwel imputazzjoni.

[27] Dan sar fis-sena 2004 pero jidher li l-process ta’ dumping baqa’ jsir b’l-istess mod sa minn qabel is-sena 2004.

Ikkunisdrat

Illi permezz tat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom l-imputati qed jigu addebietati bir-reati kontemplati fil-Kapitolu 424 u l-Avviz Legali 36 tas-sena 2003 u relatati ma' sahha u sigurta fuq il-post tax-xoghol.

Illi mill-imputazzjonijiet issa in ezami, it-tielet hija bazata fuq dak predispost fis-subartikolu 1 tar-Regolament 10 ta'l-Avviz Legali 36 tas-sena 2003. Dan jipprovdi hekk:

> *Ghandu jkun id-dmir ta' kull min ihaddem u ta' kull persuna li tahdem ghal rasha li taghmel, jew li tizgura li ssir, evalwazzjoni xierqa, sufficjenti u sistematika tal-perikli ghas-sahha u s-sigurtà kollha li jistghu ikunu prezenti fuq il-post tax-xoghol u r-riskji li jirrizultaw li jikkoncernaw l-aspetti kollha ta' l-attività tax-xoghol. Dawn l-evalwazzjonijiet ghandhom jikkunsidraw ir-riskji ghas-sahha u s-sigurtà tal-haddiema u ta' persuni li jahdmu ghal rashom li ghalihom ikunu esposti waqt ix-xoghol, kif ukoll ir-riskji ghas-sahha u s-sigurtà ta' persuni ohrajn, inkluzi dawk li jzuru l-post tax-xoghol, liema riskji jirrizultaw mix-xoghol imwettaq, jew in konnessjoni mieghu, jew mit-tmexxija ta' l-impriza:*
>
> *Izda meta jsiru dawn l-evalwazzjonijiet, min ihaddem u persuna li tahdem ghal rasha ghandhom jikkunsidraw ukoll bidliet fl-attivitajiet tax-xoghol imwettaq u fil-post tax-xoghol, u ghandhom jiehdu azzjoni xierqa.*

Illi dan ir-Regolament ikompli hekk fis-subartikolu 2:

> *Fejn ikunu impjegati hames haddiema jew aktar, min ihaddem ghandu jzomm fil-pussess tieghu kopji bil-miktub jew li jistghu jinkisbu b'mod elettroniku ta' dawn l-evalwazzjonijiet, u ghandu jizgura li jkunu aggornati regolarment.*

Illi pero l-imputati ma gewx addebbietati bir-reat predispost fis-subartikolu (2) ukoll[28], ghalhekk dak li jrid jigi stabbilit minn din il-Qorti huwa biss jekk l-imputati ghamlux dik l-*evalwazzjoni xierqa* imsemmija fis-subartikolu (1) u mhux jekk kellhomx fil-pussess taghhom kopja bil-miktub ta' dik l-evalwazzjoni[29].

Illi l-imputati jinsistu li huma din l-evalwazjoni xierqa ghamluha, mhux biss meta inkarigaw lil MSB Valletta imma anke fi stadji sussegwenti. Il-korroborazzjoni ta' din l-asserzjoni tiinstab f'dokument ta'l-OHSA stess.

Illi fir-rapport redatt mill-ufficjal ta'l-OHSA esebiet a fol 350 tal-process, rapport datat 25 ta' Jannar 2007, hemm indikat li risk assessment (RA) kien sar minn Eng Anton Cutajar ghalkemm ma kienx hemm kopja bil-miktub disponibbli. Minkejja dak kollu li ntqal dwar dan ir-rapport, fis-sens li huwa wiehed inizjali, intiez biss ghal uzu intern, u li mhux necessarjament jinkludi l-kostatazzjonijiet kollha li jkunu ghamlu l-ufficjali ta'l-OHSA waqt l-ispezzjoni, gie stabbilit li dak kollu li jkun imnizzel fih jikkorrispondi ma'kostatazzjonijiet li fil-fatt ikunu saru. Dan ifisser li waqt spezzjoni mizmuma fil-25 ta' Jannar 2007 ufficjal ta'l-OHSA ikkonstata li risk assessment kien sar.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi din it-tielet imputazzjoni ma tistax tirrizulta.

---

[28] Ic-citazzjoni hija cara f'dan ir-rigward; t-tielet imputazzjoni tirreferi biss ghas-subregolament (1) tar-regolament 10.

[29] Ghalhekk hija irrilevanti kull sottomissjoni dwar kemm kellha impjegati s-socjeta Saliba Bros Limited u jekk ir-rapport redatt minn MSB Valletta (Dok CM1) jikkwalifikax bhala kopja bil-miktub ta'l-evalwazzjoni xierqa rikjesta f'l-ewwel subregolamnet tar-regolament 10 (cioe d-dokument normalment imsejjah risk assessment).

Illi peremzz tat-tieni imputazzjoni migjuba kontra taghhom l-imputati qed jigu addebietati  bir-reat predispost f'l-artikolu 6(1)(2) tal-Kapitolu 424 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan jipprovdi hekk:

*(1) Min iħaddem għandu dejjem jiżgura is-saħħa u s-sigurtà tal-persuni kollha li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol li jkun qiegħed isir għal dik il-persuna li tħaddem ..................*

*(2) Il-miżuri li għandhom jittieħdu minn min iħaddem biex jevita dannu fiżiku u psikoloġiku, korriment jew mewt, fuq il-postijiet tax-xogħol, għandhom jittieħdu fuq il-bażi ta' dawn il-prinċipji ġenerali ta' prevenzjoni li ġejjin, jiġifieri -*

*(a) li jiġi evitat riskju;*

*(b) l-identifikazzjoni ta' perikli assoċjati max-xogħol;*

*(ċ) l-evalwazzjoni ta' dawk ir-riskji li ma jistgħux jiġu evitati;*

*(d) il-kontroll mill-bidu ta' dawk ir-riskji li ma jistgħux jiġu   evitati;*

*(e) li jittieħdu l-miżuri neċessarji kollha biex jirriduċu r-riskju kemm ikun raġonevolment prattiku, inkluż li jitbiddel dak li huwa perikoluż b'dak li ma jkunx perikoluż jew li jkun anqas perikoluż;*

*(f) billi tingħata prijorità lill-miżuri ta' protezzjoni kollettivi fuq miżuri ta' protezzjoni individwali;*

*(g) li jiġi adattat ix-xogħol għall-ħaddiem, partikolarment għal dak li għandu x'jaqsam mal-iddisinjar ta' postijiet tax-xogħol, l-għaħla ta' tagħmir tax-xogħol u l-għażla ta' metodi ta' produzzjoni u ta' xogħol, u partikolarment sabiex jiġi mnaqqas xogħol monotonu u xogħol li jkollu rata ta' xogħol stabbilita minn qabel, u biex jitnaqqas l-effett tagħhom fuq is-saħħa;*

*(ħ) billi wieħed jaddatta ruħu għall-progress tekniku f'l-interess tas-saħħa u tas-sigurtà fuq il-post tax-xogħol; u*

*(i) billi tiġi żviluppata policy ta' prevenzjoni globali u loġika li tkopri it-teknoloġija, l-organizzazzjoni ta' xogħol, il-kundizzjonijiet ta' xogħol, ir-relazzjonijiet soċjali u l-influwenza ta' fatturi li għandhom x'jaqsmu mal-ambjent tal-post tax-xogħol.*

Illi permezz ta' dawn id-dispozizzjonijiet l-obbligu impost fuq kull min ihaddem huwa li jizgura s-sahha u sigurta tal-persuni kollha li jistghu jigu affettwati bix-xoghol li jkun qed jitwettaq ghal dik il-persuna li thaddem; huwa jrid jizgura din is-sahha u sigurta billi jiehu diversi mizuri inkuz dawk li jevita riskji, li jidentifika l-perikoli assocjati max-xoghol, u jevalwa dawk ir-riskji.

Illi l-fatt li jsehh incident, anke fatali, fuq il-post tax-xoghol ma jfissirx necessarjament li l-persuna li tiggestixxi dak il-post tax-xoghol m'ottemperatx ruhha ma' dak predispost fdin id-disposzizzjoni tal-Ligi.

Illi kif diga ntqal jidher li l-imputati kienu konsapevoli tal-perikoli li kienu inerenti ghax-xoghol li jsir fil-barriera u hadu l-prekawzzjonijiet li huma deherlihom li kienu opprtuni. Tul is-snin inkarigaw persuni esperti fil-qasam biex jaraw jekk ghandhomx ibiddlu l-prattici tax-xoghol taghhom u fejn saru suggerimenti ghal tibdil jidher li dawn gew implimentati. Aktar minn hekk anke ufficjali ta'l-OHSA ghamlu spezzjoni kwazi sena qabel l-incident u ma jirrizultax li huma raw xi prattici perikoluzi ghal-hajja.

Illi konsegwentement lanqas din l-imputazzjoni ma tirrizulta pruvata.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ma ssibx lill-imputati hatja ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u tilliberahom minnhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------